# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 326/2014**

Il-Pulizija

vs

**Mario Farrugia**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-18 ta' April, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 203165(M)

Illum, 8 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mario Farrugia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-gzejjer fit-12 ta' Mejju, 2005 fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin (CCF) gewwa Rahal Gdid:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew

kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

2. Talli bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti, jkun li jkun, u specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Lulju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 31 u 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tat-tieni imputazzjoni, izda sabitu hati ta' pussess illegali ossia semplici tad-droga eroina, liema reat huwa kompriz u nvolut fir-reat fl-ewwel imputazzjoni u ikkundannatu ghall-piena ta' sitt xhur u nofs prigunerija effettiva.

Il-Qorti ma kkundannatx lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi tali esperti kienu gew nominati fl-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u ir-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII ta' l-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u lanqas ma saret talba ghall-hlas ta' tali spejjez da parti tal-prosekuzzjoni, kif kienet trid il-ligi qabel l-emenda relattiva.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga, li tifforma parti mill-process verbal ezebit a fol. 44 tal-process, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.
Rat ir-rikors tal-appellant Mario Farrugia minnu pprezentat fis-16 ta’ Lulju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tikkonferma dik il-parti fejn 1-esponent gie dikjarat mhux hati tat-tieni imputazzjoni kif ukoll mhux hati tal-ewwel akkuza kif dedotta pussess ta’droga aggravat izda hati biss pussess droga semplici thassar dik il-parti fejn gie kkundannat ghal piena ta' sitt xhur u nofs prigunerija minflok tapplika piena aktar miti xhur gusta ghall-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazjzoni hazina tal-Ligi fil-konfront tal- esponent meta applikat id-dispost tal-artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement awmentat il-piena applikabbli fil-konfront tieghu bi grad jew tnejn u kif ukoll eskludiet l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-Att dwar il-Probation.

Tabilhaqq l-imsemmmi Artikolu 33A tal-Kap. 9 gie introdott permezz tal-Att XIII tal-2005 u dan f’ Lulju tas-sena 2005 u cioe’ wara l-kommissjoni tar-reat in dizamina u ghalhekk dak ii ghamlet il-Qorti huwa li applikat retroattivament ligi gdida bi pregudizzju ghall-imputat, haga din li ovvjament qatt ma’ setghat issir.

Illi ghalhekk huwa ben evidenti li l-piena erogata trid tigi kkunsidrata mill-gdid u din id-darba pero' tigi eskluza l-applikazzjoni tal-artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta precitat u konsegwentment tinghata piena ferm aktar miti u li ma’ tkunx wahda karcerarja effettiva ghar-ragunijiet inidkati fl-aggravju li jmiss.

2. Illi fi kwalunkwe kaz il-piena nflitta kienet wahda gravuza u eccessiva ghall-numru ta' ragunijiet fosthom: (i) li fl-ewwel lok li l-kaz dam 9 snin biex jigi deciz minghajr ebda htija da parti tal-esponent; (ii) ghall-numru ta' snin dejjem attenda ghal kull seduta li huwa kellu, fatt dan li sehh anki bi ksur tad-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, (iii) il-fatt l-aktar importanti, li fid-data tas-sentenza 1-esponent kien persuna [u ghadu] persuna totalment ri-abilitata minn kull vizzju u minn kull tendenza kriminuza u dan kif ser jkollu l-okkazzjoni li jipprova fit-tratazzjoni orali ta' dan 1-appell.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti, senjatament fl-applikazzjoni tal-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali.

Illi dan l-arikolu partikolari tal-ligi gie introdott bl-Att numru XIII tas-sena 2005, fid-29 ta' Lulju.

Illi l-appellant gie akkuzat li hu kkometta r-reati askritti fit-12 ta' Mejju, 2005. Ghalhekk, hu evidenti li dan l-artikolu tal-ligi ma setghax jigi applikat fil-konfront tieghu. Dan ghaliex dan l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali jistipula li l-piena tizdied bi grad jew tnejn jekk l-imputat (illum appellant) ikun prigunier fil-Facilita' Korrettiva ta' Corradino.

Illi hu car li l-ewwel Qorti ma setghax tapplika dan l-artikolu retroattivament a dannu tal-appellant.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu.  Tilqa l-appell ta' Mario Farrugia dwar il-piena.  Thassar u tirrevoka l-piena karcerarja nflitta u minflok tillibera lil Mario Farrugia taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.